# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1339

## tas-17 ta' Lulju 2017

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id- Deċiżjoni 2013/183/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.

(2) F'konformità mal-Artikolu 33(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, il-Kunsill għandu jimplimenta modifiki għall-Anness I tagħha fuq il-bażi tad-determinazzjoni magħmula mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

(3) Fil-5 ta' Ġunju 2017, il-Kumitat tal-KSNU, li twaqqaf skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, emenda l-entrati għal żewġ entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(4) Fit-2 ta' Ġunju 2017, il-KSNU żied 14-il persuna u erba' entitajiet mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi. Għalhekk dawk il-persuni u entitajiet żdiedu mal-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/975 ([2]). Xi wħud minn dawk il-persuni u entitajiet għandhom għalhekk jitneħħew mill-Anness II tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 peress li issa jinsabu ddeżinjati taħt l-Anness I.

(5) L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 għandhom għalhekk jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

L-Anness II tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/975 tat-8 ta' Ġunju 2017 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea (ĠU L 146, 9.6.2017, p. 145).

*ANNESS I*

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, l-entrati għall-persuni u l-entitajiet imsemmija hawn taħt huma sostitwiti kif ġej:

A. Persuni

| | Isem | Psewdonimu | Data tat-twelid | Data tad-deżinjazzjoni min-NU | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| "2. | Ri Je-Son | Isem bil-Korean: 리제선; Isem biċ-Ċiniż: 善济李 magħruf ukoll bħala Ri Che Son | 1938 | 16.7.2009 | Ministru tal-Industrija tal-Enerġija Atomika minn April 2014. *Ex*-Direttur tal-General Bureau of Atomic Energy (GBAE), l-aġenzija ewlenija li tmexxi l-programm nukleari tar-RDPK; iffaċilita diversi inizjattivi nukleari inkluża l-ġestjoni mill-GBAE taċ-Ċentru għar-Riċerka Nukleari ta' Yongbyon u l-Korporazzjoni tal-Kummerċ Namchongang." |

B. Entitajiet

| | Isem | Psewdonimu | Lokalità | Data tad-deżinjazzjoni min-NU | Informazzjoni oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| "4. | Namchongang Trading Corporation | a) NCG, b) NAMCHONGANG TRADING, c) NAM CHON GANG CORPORATION, d) NOMCHONGANG TRADING CO., e) NAM CHONG GAN TRADING CORPORATION, f) Namhung Trading Corporation, g) Korea Daeryonggang Trading Corporation, h) Korea Tearyonggang Trading Corporation | a) Pyongyang, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, b) Sengujadong 11-2/(jew Kwangbok-dong), Distrett ta' Mangyongdae, Pyongyang, ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea | 16.7.2009 | Namchongang hija kumpannija kummerċjali tar-RDPK subordinata għall-General Bureau of Atomic Energy (GBAE). In-Namchongang kienet involuta fl-akkwist ta' pompi tal-vakwu ta' oriġini Ġappuniża li ġew identifikati f'faċilità nukleari tar-RDPK, kif ukoll ta' akkwist relatat ma' oġġetti nukleari assoċjat ma' individwu Ġermaniż. Din kienet involuta wkoll mill-aħħar tas-snin 90 fix-xiri ta' tubi tal-aluminju u tagħmir ieħor speċifikament adattat għal programm ta' arrikkiment tal-uranju. Ir-rappreżentant tagħha huwa *ex*-diplomatiku li kien ir-rappreżentant tar-RDPK għall-ispezzjoni tal-impjanti nukleari ta' Yongbyon mill-IAEA fl-2007. L-attivitajiet ta' proliferazzjoni ta' Namchongang huma ta' tħassib kbir b'kunsiderazzjoni tal-attivitajiet passati ta' proliferazzjoni tar-RDPK. Numri tat-telefon: +850-2-18111, 18222 (ext. 8573). Numru tal-fax +850-2-381-4687. |

| | Isem | Psewdonimu | Lokalità | Data tad-deżinjazzjoni min-NU | Informazzjoni oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| 15. | Green Pine Associated Corporation | a) Cho'ngsong United Trading Company; b) Chongsong Yonhap; c) Ch'o'ngsong Yo'nhap; d) Chosun Chawo'n Kaebal T'uja Hoesa; e) Jindallae; f) Ku'm-haeryong Company LTD; g) Natural Resources Development and Investment Corporation; h) Saeingp'il Company; i) National Resources Development and Investment Corporation; j) Saeng Pil Trading Corporation | a) c/o Reconnaissance General Bureau Headquarters, Hyongjesan-Guyok, Pyongyang, ir-ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea; b) Nungrado, Pyongyang, ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea; c) Rakrang No. 1 Rakrang District Pyongyang Korea, Chilgol-1 dong, Distrett ta' Mangyongdae, Pyongyang, ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea | 2.5.2012 | Green Pine Associated Corporation ("Green Pine") assumiet ħafna mill-attivitajiet tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID). Il-KOMID ġiet id-deżinjata mill-Kumitat f'April 2009 u hija l-kummerċjant ewlieni fl-armi kif ukoll l-esportatur prinċipali tar-RDPK ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali. Il-Green Pine hija responsabbli wkoll għal madwar nofs l-armi u materjal relatat esportat mir-RDPK. Il-Green Pine ġiet identifikata għal sanzjonijiet minħabba l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat mill-Korea ta' Fuq. Il-Green Pine tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' inġenji u armamenti militari marittimi, bħal sottomarini, dgħajjes militari u sistemi ta' missili, u esportat torpedos u assistenza teknika lil impriżi Iranjani relatati mad-difiża. Numru tat-telefon: +850-2-18111(ext. 8327). Numru tal-fax +850-2-3814685 u +850-2-3813372. Indirizzi elettroniċi: pac@silibank.com u kndic@co.chesin.com. |
| 46. | Strategic Rocket Force tal-Armata tal-Poplu Korean | Strategic Rocket Force; Strategic Rocket Force Command tal-AKP; Strategic Force; Strategic Forces | Pyongyang, RDPK | 2.6.2017 | Li Strategic Rocket Force tal-Armata tal-Poplu Korean għandha taħt idejha l-programmi kollha tal-missili ballistiċi tar-RDPK u hija responsabbli għall-isparar tal-missili SCUD u NODONG." |

*ANNESS II*

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 jitħassru l-entrati għall-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt:

I. Persuni u entitajiet responsabbli għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom.

A. Persuni

"6. PAEK Se-bong

12. PAK To-Chun"

B. Entitajiet

"7. Strategic Rocket Forces"